MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru. 8/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Ramsey Farrugia ta’ 18 il-sena, iben Joseph u Bianca nee` Farrugia, twieled 13 ta’ Gunju 1993, Pieta, residenti 115, Flt 12, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita 265693(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-24 ta’ Lulju 2011 ghal habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu (04:00am) gewwa l-istabbiliment Clique li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan u/fil vicinanzi minghajr l-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-gisem ta’ Artan Coku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat General ital-5 ta' Jannar, 2012, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta' certu Artan Coku. Illi mir-rapport li l-pulizija ircevew mill-parte leza, irrizulta illi dana allega li kellu argument ma l-imputat fejn dan tghah daqqa ta' flixkun u ikkgaunalu xi feriti.

Illi mix-xhieda li instemghu f'dawn il-proceduri jikkonsistu fl-ufficjal tal-pulizija u tal-pulizija li rcevew dan ir-rapport u investigaw il-kaz. Il-parte leza qatt ma resaq l-Qorti biex jixhed u ghalhemm il-Prosekuzzjoni ghamlet diversi tentattivi biex tipprova tinnotifikah dan kien inutli. Fil-fatt mill-ahhar riferta esebita jirrizulta illi l-parte leza telaq minn Malta definittivament u mar lura lejn pajjizu fl-Albania. Provi ohra fl-atti ma hemmx li jistghu jitfghu xi htija fuq l-imputat, l-ebda xhud okkulari u lanqas provi cirkostanzjali ohra. Fl-istqarrija irrilaxxata minnu lill-pulizija l-imputat ma irrisponda ghall-ebda mistoqsija li saritlu. Il-Qorti ghalhekk ma tistax issib htija fil-konfront tal-imputat lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni abbazi tal-provi li hemm fl-atti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------